MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2003

Appell Civili Numru. 102/1997/1

**Rita Lanzon u stante l-mewt ta' Rita Lanzon fil-mori tal-kawza l-atti gew trasfuzi f'uliedha Alfred Falzon u Annabelle Spiteri Staines**

**vs**

**Francis, Maurice u Edward ahwa Zammit Cordina u Helen armla ta' Anthony Zammit Cordina u b'digriet tal-21 ta' Ottubru 1998 Charles Zammit Cordina gie kjamat in kawza**

**Il-Qorti,**

L-appell interpost mill-intimati jikkonsisti f'ilment kontra d-digriet tal-Bord li Jirregola l-Kera moghti fit-2 ta' Lulju 2002 fejn ordnalhom jezebixxu zmien gimgha d-dokumenti mitluba mir-rikorrenti appellati. Fl-istess waqt il-Bord ordna wkoll li l-kawza tithalla ghad-decizjoni. Huma jissottomettu illi dan id-digriet ghalihom kien ifisser illi ma

kienx ser ikollhom opportunita` joffru l-ispjega taghhom fuq l-istess dokumenti. Jillanjaw mhux biss illi l-akkoljiment tat-talba ghall-produzzjoni tad-dokumenti kienet tardiva izda, fuq kollox, li kienu ser jigu mcahhda mid-dritt tal-"audi alteram partem".

Ghall-ahjar ezami ta' dan l-appell tajjeb li wiehed qabel xejn jirrikapitula dak li wassal ghall-intavolar tieghu.

1. Mill-verbal tal-Bord tat-2 ta' Lulju 2002 (fol 158) jirrizulta illi l-Bord ikkonceda zmien lill-kjamat fil-kawza Charles Zammit Cordina jesebixxi dokumenti msemmija f'seduta precedenti. Fl-istess verbal gie dekretat ukoll mill-Bord illi stante li l-proceduri kienu qeghdin jitwalu bla htiega u qeghda ssir ukoll vessazzjoni, l-kawza kienet qed tigi differita ghas-sentenza.
2. Fir-rikors taghhom prezentat fit-8 ta' Lulju 2002 (fol 172) biex jitolbu awtorizazzjoni ha jappellaw minn dan id-digriet, l-intimati, issa appellanti, irrilevaw illi l-Bord ma ndikax liema kienu dawn id-dokumenti u dippju ma messux iddeferixxa l-kawza ghas-sentenza.

L-ewwel osservazzjoni li trid taghmel il-Qorti tirreferi ghall-isfaccatagni tal-appellanti li jistaqsu dwar l-ispecificita` tad-dokumenti. Dokumenti dawn li skond ma jirrizulta mid-deposizzjoni tal-imsemmi Charles Zammit Cordina jikkonsistu minn zewg skritturi li hu allega li ghamel ma' hutu r-rikorrenti l-ohra u dwar liema hu stess fl-udjenza tat-3 ta' April 2001 kien obbliga ruhu li "jesebixxi f'seduta ohra jew ahjar kopja taghhom" (fol 88).

Dan premess, u apparti wkoll id-diskrezzjoni vestita mil-ligi fit-tribunal dwar il-produzzjoni tardiva ta' dokumenti, ex-Artikolu 150 tal-Kap 12, jidher li l-appell, in kwantu jikkoncerna l-parti tad-digriet riferibilment ghall-ordni emanata dwar il-produzzjoni ta' dokumenti, li kif jinghad jinsabu fil-pussess tal-intimati u tal-kjamat fil-kawza, ma setax isir hlief wara l-ghoti tas-sentenza definittiva. Dan qed jinghad b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 229 (1)(f).

Issa huwa pacifiku illi biex qorti tat-tieni grad tiddisturba r-regolament tal-qrati ta' prim'istanza jridu jezistu motivi

tassew gravi, dak li fil-fehma tal-Qorti certament ma huwiex hawn il-kaz.

Fl-opinjoni ukoll ta' din il-Qorti l-ordinament tal-Bord li bih ordna li l-kawza tithalla ghas-sentenza bl-ebda mod ma jigi li b'hekk illeda xi dritt fundamentali baziku nvokat mill-appellanti. Kif risaput, id-dokumenti huma generalment "self-explanatory', li taghhom l-istess appellanti u l-kjamat in kawza ghandhom pjena konsapevolezza u ghalhekk ma jistghux jitqiesu sajmin mill-kontenut taghhom. Fil-verita` l-Qorti thoss illi d-dritt invokat ma ghandux rigi ridott, kif donnu jaghti wiehed x'jifhem l-appellanti, illi huma ghandhom dritt kif iridu, meta jridu, u bla ebda raguni serja, anzi "bi dritt', minghajr indhil jew kontroll, jergghu jifthu berah il-provi. Kif jirrizultalha mill-atti, fil-kaz partikolari jabbunda dilgungar zejjed tant li jista' jinghad li l-Bord wera tolleranza rigwardevoli. Id-digriet ghall-esebizzjoni tad-dokumenti mitluba ma jistax, fic-cirkostanzi, hlief jitqies bhala ordni ghall-attwazzjoni tal-obbligazzjoni promessa mill-istess appellanti cirka sena u nofs qabel. Ma kienx allura fl-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja illi tissokta tigi protilata ingustament id-decizjoni tal-vertenza. Dan anke ghaliex, kif elokwentement gie ritenut "le leggi di ordine pubblico non ammettono estensione o restrizione nella loro applicabilita` da motivi di indole privata o singolare" (**Vol XXIV pI p237**).

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tidderimi dan l-incident billi tiddikjara l-appell interpost bhala ghal kollox insostenibbli in bazi ghal konsiderazzjonijiet fuq maghmula, u b' hekk tichad l-istess, bl-ispejjez ghall-istess appellanti.

Tirrinvija l-atti lura lill-Bord li Jirregola l-Kera biex dan jipprocedi skond kif minnu gja provvdut u jghaddi ghad-definizzjoni tal-kontestazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------